**QORTI CIVILI PRIM` AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tnejn 30 ta` Ottubru 2017**

**Rik. Nru. 838/2017 JZM**

**Wara l-Mandat ta` Sekwestru Nru 40/17 fl-ismijiet :-**

**John Cortis**

***kontra***

**Mark Anthony Portelli**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Fl-14 ta` Settembru 2017, Mark Anthony Portelli ("**l-esekutat**")ipprezenta rikors fejn, ghar-ragunijiet indikati, talab lill-Qorti sabiex tordna r-revoka tal-Mandat ta` Sekwestru Nru 40/17 ("**il-Mandat**") u dan a tenur ta` l-Art 836(1)(b), u/jew (d) u/jew (f) tal-Kap 12.

Fit-22 ta` Settembru 2017, il-Qorti tat digriet fejn ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontroparti, b`sebat (7) ijiem zmien biex iwiegeb bil-miktub.

Fit-2 ta` Ottubru 2017, John Cortis ("**l-esekutant**") ipprezenta risposta fejn, ghar-ragunijiet indikati, kien tal-fehma li t-talba tar-rikorrent ghandha tkun michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tad-19 ta` Ottubru 2017.

Waqt l-udjenza, wara li kien dikjarat illi in kwantu jirrigwarda provi, il-partijiet kienu qeghdin joqghodu fuq l-atti, id-difensuri ghamlu sottomissjonijiet bil-fomm.

Ir-rikors thalla ghal provvediment kamerali.

Dan huwa l-provvediment.

## II. L-Art 836 tal-Kap 12

Fil-kaz ta` procedura ta` din ix-xorta, il-qrati taghna b`mod konsistenti hadu l-linja illi qorti ghandha toqghod lura milli tidhol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet ghaliex dik hija materja li ghad trid tkun deciza fil-waqt opportun wara li jkunu nstemghu l-provi kollha. Ghalhekk fi procedura ta` din ix-xorta, propju ghaliex hija distinta mill-kawza dwar il-mertu, anke jekk min ser jipprovdi jkun l-istess gudikant, qorti ghandha tirrezisti u ma taghmel ebda konsiderazzjoni tal-mertu izda ghandha tillimita ruhha ghal ezami sommarju jew *prima facie* tal-argumenti li ggib il-parti li tkun qeghda titlob ir-revoka *in toto jew in parte* tal-Mandat.

Fil-procediment "**Conrad Borg vs de La Rue** (499/14 – 15 ta` Lulju 2015) inghad :-

> *"Il-Qrati ennuncjaw principji mportanti fir-rigward ta` kawzi dwar revoka ta` Mandati Kawtelatorji fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed prima facie. (Vide ukoll l-kawza fl-ismijiet "**Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et**" tas-26 t`April 2002 per Onor Imhallef Dr. G. Camilleri).*

L-istess inghad fil-procediment "**Camilleri vs Gove et**" li kien deciz fl-10 ta` Mejju 2001:

*"mid-dispożizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta` prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f`dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta` proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja."* (ara wkoll is-sentenza fil-kawza "**Emanuel Sammut vs Josephine Sammut**" deċiża fil- 5 ta` Ġunju 2003).

Din il-qorti tishaq li l-konkluzjoni illi sejra tasal ghaliha fil-procediment tal-lum bl-ebda mod m`ghandu jigi mifhum bhallikieku huwa xi gudizzju ta` xi xorta dwar il-mertu. L-istharrig mehtieg fi proceduri ta` din ix-xorta huwa marbut ma` ezami x`aktarx formali ta` l-att li tieghu qeghda tintalab ir-revoka. Li qorti ghandha taghmel huwa li taccerta ruhha li r-rekwiziti li trid il-ligi ghall-hrug tal-Mandat ikunu jidhru mill-att innifsu, u kif ukoll taccerta ruhha illi l-att ma jkunx hareg abbusivament. (ara – Qorti tal-Kummerc - 23 ta` Gunju 1994 : "**Paul Hili et vs Dr. Joselle Farrugia noe et**").

Fl-istharrig li ghandha taghmel sabiex taccerta ruhha jekk jirrizultax mad-daqqa t`ghajn li l-ezekutant ghandu bazi ta` pretensjoni, il-qorti ghandha tkun gwidata minn zewg principji ewlenin : illi d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux jigi mxejjen jew imgarrab b`leggerezza ; kif ukoll illi huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn qorti. ("**Vincent Mercieca vs George Galea**" – PA - 29 ta` Novembru 2001 u "**Technobroadcast s.r.l vs Mediterranean Broadcasting Limited**" – PA - 5 ta` Gunju 2007)

**Il-qorti sejra tghaddi ghall-analizi ta` d-disposizzjonijiet tal-Art 836 tal-Kap 12 li abbazi taghhom l-esekutat qieghed iressaq it-talba tieghu fil-procediment tal-lum.**

**Il-paragrafu (1)(b)**

Skont din id-disposizzjoni, ikun hemm lok ghat-thassir ta` l-Mandat meta wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-Mandat ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti.

Fil-provvediment li nghata minn din il-qorti diversament presjeduta fis-17 ta` Mejju 2011 fil-kaz **<u>Carmelo Abdilla vs Auto Sales Limited</u>** (Rikors Nru. 115/2011) inghad hekk :-

> *"Illi l-Artikolu 836(1)(b) jistipula li mandat kawtelatorju ghandu jithassar jekk "wahda mill-htigiet tal-ligi ghall-hrug ta` l-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti". Peress li ma jirrizulta li nbidel xejn minn dakinhar tal-prezentata tal-mandat sa llum, u fil-frattemp giet ipprezentata wkoll il-kawza fuq il-mertu, ma jirrizultax li din hija raguni valida sabiex jithassar il-mandat in dizamina."*

Fil-provvediment li tat din il-qorti diversament presjeduta fl-20 ta` Mejju 2014 fil-kaz **<u>Av Antonio Depasquale noe vs World Match Limited</u>** (Rikors Nru. 315/2014) inghad hekk :-

> *"Ir-raguni skont l-Art.836 (1) (b) hi: "li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti".*
>
> *Ikkonsidrat li din id-dispożizzjoni, skont il-kliem użat fiha, ġiet imfissra bħala riferenza għal xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att iżda li, wara l-ħruġ tal-istess Mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed. Għalhekk, jekk wieħed irid jimxi ma` tali tifsira, wieħed irid juri li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat trid tkun naqset wara li nħareġ l-att. Illi minn dak li għandha quddiemha l-Qorti f`dawn l-atti, jidher li taħt din ilkawżali l-ilment tal-ezekutat mhuwa indirizzat lejn ebda wiehed minn dawn ir-ragunijiet.*
>
> *"Fi kliem iehor, din il-Qorti tifhem li l-kawzali mahsuba fil-paragrafu (b) tal-artikolu 836(1) trid li mandat ikun inhareg sewwa u, f`xi waqt, tkun intemmet xi wahda mill-kundizzjonijiet li l-ligi trid biex dak il-Mandat jibqa` fis-sehh".*
>
> *Fil-kaz odjern, l-argument tar-rikorrent jimplika li qatt ma messu nhareg il-mandat imsemmi minhabba li ma kienx hemm gja relazzjoni guridika bejn il-kontendenti. Illi, ghalhekk, il-Qorti ma ssibx li tista` tilqa` t-talba tar-rikorrent fuq din il-kawzali."*

Dan premess, tajjeb jinghad illi l-esekutat qieghed jaghmel l-argument illi l-kawzali li fuqha ntalab il-hrug tal-Mandat kienet zbaljata in kwantu skont ir-rikorrent id-debitu ma kienx kontrattat minnu de proprio. Skont l-esekutat , il-Mandat kien messu hareg kontra Malta Sierra Leone Trading Investments Company Ltd. Ghalhekk ir-rikorrent qieghed isostni li mhuwiex il-legittimu kontradittur tal-esekutant ghaliex bejniethom ma kienx hemm relazzjoni guridika.

L-applikazzjoni tal-paragrafu (1)(b) tesigi li tkun intemmet xi wahda mill-kundizzjonijiet mehtiega ghall-hrug ta` Mandat.

Fil-kaz tal-lum, ma rrizulta li nbidel xejn wara l-hrug tal-Mandat tenut kont anke tal-fatt illi l-esekutant ipprezenta **de proprio** l-kawza fil-mertu kontra l-esekutat.

Kienx hemm inkella le relazzjoni guridika bejn il-partijiet de proprio hija kwistjoni li ma tistax issib soluzzjoni fuq il-kriterju tal-prova *prima facie* izda titlob analizi akkurata u attenta tal-assjem tal-provi.

Abbazi tal-provi sal-lum, hija nfondata l-pretensjoni tal-esekutat ghar-revoka tal-Mandat abbazi tad-disposizzjoni de qua, anke fuq bazi ta` *prima facie.*

**Il-paragrafu (1)(d)**

Skont din id-disposizzjoni, ikun hemm lok ghat-thassir ta` l-Mandat fil-kaz illi jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* ġustifikat jew ikun eċċessiv.

Riferibbilment ghal din id-disposizzjoni, fil-kaz **"Casino-For-Me Limited vs Chartwell Games (Malta) Limited**" inghad fil-5 ta` Settembru 2008 illi l-portata ta` d-disposizzjoni hija fis-sens illi l-ezami li jkun irid isir huwa jekk l-ezekutant ghandux bazi *prima facie* li ssostni l-pretensjoni tieghu ("*fumus juris*").

Fil-provvediment li nghata fl-4 ta` Frar 2016 fir-Rik Nru 1139/2015 fl-atti tal-Mandat Nru 1454/15 fl-ismijiet : **Steven Pace et vs. Paul Camilleri et** inghad hekk :-

*"Illi l-istess artiklu indikat fil-paragrafu precedenti jiddisponi li tali mandat kawtelatorju bhal dak in dizamina fil-procedura odjerna jista` jigi revokat kemm il-darba l-ammont mitlub mis-sekwestranti li jkun hekk sekwestrat ma jkunx prima facie gustifikat jew eccessiv;*

*6.2. Illi f`dan ir-rigward l-istess Prim` Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet* ***<u>Galea vs. Stewart</u>*** *datata d-29 ta` Lulju, 2005, issosstni s-segwenti:*

*"Il-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta` Mandat kawtelatorju taht din ir-ras huwa wiehed li jorbot il-kawzali tal-istess Mandat mal-kreditu imsemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t`ghajn li r-rikorrenti ezekutant ghandu bazi ta` pretensjoni, (dak li f`oqsma ohra ta` dritt jissejjah il-"fumus juris" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f`somma li taqbel mal-ammont minnu mahluf fil-Mandat. Wiehed m`ghandu qatt jinsa f`dan ilkuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b`leggerezza, u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sa kemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. Biex ammont imsemmi f`att kawtelatorju jitqies li huwa eccessiv, jehtieg li jintwera li dan ikun ezagerat fid-dawl tat-talba li ssir jew tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t`ghajn bhala wiehed maghmul b`mod azzardat";*

Fil-provvediment li nghata fit-13 ta` Awissu 2013 b`riferenza ghall-Mandat ta` Sekwestru Nru. 1378/2012 fl-ismijiet : "**<u>Carmel Debono et vs Paul u Demanuele et</u>**" inghad hekk :-

*"Fil-provvediment taghha tad-29 ta` Lulju 2005 filprocediment Rikors Nru. 336/2005 din il-Qorti (PA/JRM) qalet hekk –*

*Wiehed m`ghandu qatt jinsa li f`dan il-kuntest il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b`leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li*

> *persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. Minn dak li hareg waqt is-smigh tar-rikors, il-Qorti ssib li l-intimata ezekutanti ghandha, tajjeb jew hazin, pretensjoni ta` hlas. Min-naha l-ohra, li kieku l-Qorti, f`dan il-waqt, taghti decizjoni dwar jekk huwiex minnu jew le, tkun qeghda tiddeciedi l-qofol tal-mertu tal-kontrotalba mressqa mill-intimata u tmur lil hinn mill-parametri li hija mistennija tidhol fihom fi procedura bhal din. Jerga` jinghad hawnhekk li dan l-accertament ma ghandu blebda mod ifisser li l-istess intimata wettqet il-prova filmertu ta` dak li huwa (jekk tassew huwa) dovut lilha, imma biss li dak li trid thares bil-hrug tal-Mandat inghata minnu tifsira plawsibbli lil din il-Qorti dwaru. (ara wkoll : PA. RCP. 10 ta` Mejju 2001.* ***<u>"Camilleri et vs Gove` et"</u>*** *u PA. RCP. 7 ta` Frar 2001.* ***<u>"Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd"</u>****)."*

Fil-kaz tal-lum, l-esekutat qed jallega illi anke *prima facie* mhuwiex debitur ta-kontroparti.

Tajjeb jinghad illi milli jidher l-ammont likwidat fil-Mandat mhuwiex ikkontestat.

Li hu kkontestat hija r-relazzjoni **<u>guridika</u>** bejn il-kontendenti.

Minn ezami *prima facie* tad-dokumenti ezebiti partikolarment Dok MAP1, jidher illi l-ammont ikkawtelat huwa proprju l-ammont li qed jigi mitlub fil-kawza dwar il-mertu.

Fil-fehma ta` din il-qorti, l-ammont pretiz u kkawtelat ma jistax jitqies bhala eccessiv.

Ghall-bqija tghid li ma hemmx raguni ghala l-Mandat ghandu jigi mhassar abbazi tal-istess disposizzjoni.

**<u>Il-paragrafu (1)(f)</u>**

Skont din id-disposizzjoni, ikun hemm lok ghat-thassir ta` l-Mandat fil-kaz illi jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.

Din il-qorti diversament presjeduta fil-kaz "**<u>Spiteri v Darmanin</u>**" inghatat tifsira korretta u preciza tad-disposizzjoni fil-provvediment li nghata fil-25 ta` Awwissu 2010 :

> *"Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa` (għal kollox jew in parti) fis-seħħ ( Ara P.A. GC 3.8.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet "**<u>Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et</u>**" .*
>
> *Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż- żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m`għadux il-każ;"*

Fid-digriet li nghata fl-4 ta` Frar 2016 fir-Rikors Nru. 1139/2015 fl-atti tal-Mandat Nru 1454/15 fl-ismijiet : **<u>Steven Pace et vs. Paul Camilleri et</u>** illi *biex tali talba tirrizulta attwabbli tinhtieg li r-rikorrenti jipprovaw li kien hemm bidla sostanzjali fic-cirkostanzi in dizamina mid-data li fiha inhareg il-mandat de quo.*

Din il-qorti hekk kif ippreseduta fil-provvediment taghha tat-13 ta` Awwissu, 2013 (Rikors Numru. 982/2012) fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru Nru. 1378/2012 fl-ismijiet : **<u>Carmel Debono ID749424(M) vs Paul Demanuele et</u>** : qalet :-

> *"Fil-provvediment taghha tal-10 ta` Awissu 2012 fir-Rikors Nru 688/2012 (op. cit.) din il-Qorti (PA/JRM) qalet hekk –*
>
> *Is-success jew telfien ta` kwestjoni fil-mertu ma tista` qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nhareg b`mod vessatorju jew fieragh. Allura, fil-fehma ta` din il-Qorti, ilkwestjoni ta` jekk huwiex ragonevoli li Mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh jew jekk huwiex mehtieg jew gustifikabbli li tali Mandat jinzamm fis-sehh ma tiddependi xejn mill-eventwali cahda tal-kawzali fil-*

*mertu tat-talbiet ezekutanti. Illi jinghad ukoll li d-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa` (ghal kollox jew in parti) fis-sehh. Din ittifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m`ghadux il-kaz. (ara wkoll – PA. JSP. 10 ta` Jannar 1992. "**Spiteri vs Camilleri**" ; PA. RCP. 30 ta` Mejju 2002. "**Yorkie Clothing Industry Limited vs Calleja Cremona**" ; u PA. GC. 3 ta` Awissu 2001. "**Fenech noe vs Spiteri noe et**")."*

(ara wkoll : provvedimenti : 17 ta` Marzu 2014 : **James Alexander Cook et vs Erdin Hartoka et** ; 22 ta` Ottubru 2015 : **George Cassar pro et noe et vs Emanuel Falzon et** ; 2 ta` Dicembru 2014 : **Blue Rapid Incorporation v Elf Aquitaine)**

Dak li jrid jirrizulta huwa illi kien hemm tassew tibdil fic-cirkostanzi.

Dan jittraduci ruhu fi bdil tal-kundizzjonijiet ghall-hrug tal-Mandat.

Ir-rikorrent sostna li kemm-il darba jirrizulta anke fuq bazi ta` *prima facie* li l-esekutant ikkontratta ma` kumpannija, u mhux mieghu personalment, ma huwiex ragjonevoli li l-Mandat jibqa` fi-sehh.

Fil-kaz tal-lum, ma tressqet l-ebda prova li twassal lil din il-qorti sabiex tqis illi r-rikorrent ghandu bazi sabiex jitlob ir-revoka tal-Mandat.

Ma rrizultax illi kien hemm bidla fic-cirkostanzi.

Il-hrug ta` Mandat johloq inkonvenjent.

Fl-istess waqt il-fatt tal-inkonvenjent mhux bizzejjed wahdu sabiex jxejjen id-dritt ta` kull kreditur li jikkawtela l-pretensjoni tieghu b`kull jedd li taghtih il-ligi.

Din il-qorti hija tal-fehma li r-raguni li fuqha qeghda tintalab ir-revoka ta` l-Mandat, ossija li r-rikorrenti mhuwiex legittimu kontradittur, hija l-pern tal-kawza promossa mis-sekwestrant.

**Ezami ta` l-kwistjoni certament sejra tifforma l-mertu tal-kawza bejn il-partijiet.**

**Dan ifisser li l-qorti jkollha tieqaf hawn anke ghaliex abbazi ta` l-prova *prima facie* ma tista` tasal imkien lanqas ghar-rigward tal-procedura odjerna.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent Mark Anthony Portelli, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**